



Brussell, 23 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5392/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0202(COD)**

**CODEC 104
SOC 16
ECOFIN 31
FSTR 3
COMPET 40
FIN 45
IA 7
CADREFIN 16
PE 5**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) - Eżitu tal-proċedimenti tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-14 sas-17 ta' Jannar 2019)

I. INTRODUZZJONI**

Ir-rapporteur, Maria ARENA (S&D, BE), ippreżentat rapport magħmul minn 95 emenda (l-emendi 1-95) għall-proposta għal Regolament f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali.

Barra minn hekk, il-gruppi politiċi ressq u l-emendi li ġejjin: S&D ressaq emenda waħda (l-emenda 96) u ALDE ressaq żewġ emendi (l-emendi 97-98).

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fis-16 ta' Jannar 2019, il-plenarja adottat l-emendi li ġejjin: 1-21, 22/1, 23-27, 29-95 u 97-98 L-emendi adottati jinsabu fl-anness.

* L-iffurmattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

+ Il-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma tikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN

Fi tmiem il-votazzjoni, il-proposta ntbagħtet lura lill-Kumitat, skont ir-Regola 59(4)(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, biex b'hekk l-ewwel qari tal-Parlament ma jingħalaqx u jinfetħu n-negozjati mal-Kunsill.

Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) *I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) (COM(2018)0380 – C8-0231/2018 – 2018/0202(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0380),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 175(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0231/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2018¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-5 ta' Diċembru 2018²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, kif ukoll il-pożizzjoni fil-forma ta' emendi tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0445/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

² Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal regolament Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ***ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)***

Emenda

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ***għat-Tranżizzjoni (FET)***

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Fl-implimentazzjoni tal-Fondi jenħtieġ li jiġu rispettati l-prinċipji orizzontali kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u ***fl-Artikolu 10 tat-TFUE***, inklużi l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-TUE, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw li jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u jintegraw il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll jiġġieldu d-diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li l-oġettivi tal-Fondi jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u tal-promozzjoni mill-Unjoni tal-għan li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreżervata, imħarsa u mtejbja kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 191(1) tat-TFUE, filwaqt li

Emenda

(1) Fl-implimentazzjoni tal-Fondi jenħtieġ li jiġu rispettati l-prinċipji orizzontali kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u ***fl-Artikoli 9 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***, inklużi l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-TUE, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. ***F'konformità mal-Artikolu 8 tat-TFUE***, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw li jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u jintegraw il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll jiġġieldu d-diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li l-oġettivi tal-Fondi jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u tal-promozzjoni mill-

jitqies il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

Unjoni tal-għan li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreżervata, imħarsa u mtejbha kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 191(1) tat-TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Fi Frar 2018, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha dwar "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropea li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020"¹⁸. Il-Komunikazzjoni tenfasizza li jenħtieġ li l-baġit tal-Unjoni jappoġġa l-ekonomija soċjali tas-suq unika tal-Ewropa. Għalhekk, se jkun importanti ħafna li jitjiebu l-opportunitajiet ta' xogħol u li jiġu indirizzati l-isfidi tal-ħiliet, speċjalment dawk marbutin mad-diġitalizzazzjoni. Il-flessibbiltà baġitarja jenħtieġ li tkun prinċipju ewlieni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ sabiex jippermettu lill-Unjoni tirreaġixxi għal avvenimenti mhux previsti, u sabiex jiżguraw li r-riżorsi baġitarji jintużaw fejn ikun hemm l-aktar bżonn urġenti.

¹⁸ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1527774253584&ur>

Emenda

(4) Fi Frar 2018, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha dwar "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropea li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020"¹⁸. Il-Komunikazzjoni tenfasizza li jenħtieġ li l-baġit tal-Unjoni jappoġġa l-ekonomija soċjali tas-suq unika tal-Ewropa. Għalhekk, se jkun importanti ħafna li jitjiebu l-opportunitajiet ta' xogħol u li jiġu indirizzati l-isfidi tal-ħiliet, speċjalment dawk marbutin mad-diġitalizzazzjoni, ***l-awtomatizzazzjoni u t-tranżizzjoni lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, filwaqt li jiġi rispettata bis-sħiħ il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2015 wara l-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima***. Il-flessibbiltà baġitarja jenħtieġ li tkun prinċipju ewlieni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ sabiex jippermettu lill-Unjoni tirreaġixxi ***aktar malajr*** għal avvenimenti mhux previsti, u sabiex jiżguraw li r-riżorsi baġitarji jintużaw fejn ikun hemm l-aktar bżonn urġenti.

¹⁸ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1527774253584&>

Emenda 4**Proposta għal regolament****Premessa 6***Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Fid-"Dokument ta' riflessjoni dwar l-immaniġġar tal-globalizzazzjoni"²⁰, il-Kummissjoni tidentifika l-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ flimkien mal-bidla teknoloġika bħala l-ixprunaturi ewlenin għaż-żieda fid-domanda għal ħiliet speċjalizzati u għat-tnaqqis fin-numru ta' impjiegi li jeħtieġu livell aktar baxx ta' kwalifiki. ***Minkejja l-vantaġġi kbar ġenerali ta' kummerċ aktar miftuħ u aktar integrazzjoni tal-ekonomiji dinjija, dawn l-effetti negattivi jenħtieġ li jiġu indirizzati.*** Peress li l-benefiċċji attwali tal-globalizzazzjoni diġà mhumieq imqassma b'mod ugwali fost in-nies u r-reġjuni, li jikkawża impatt sinifikanti fuq dawk li huma affettwati ħażin, hemm il-periklu li ***l-avvanzi*** teknoloġiċi ***li qed jevolvu b'ritmu rapidu se*** jkomplu jħeġġu dawn l-effetti. Għalhekk, b'konformità mal-prinċipji ta' solidarjetà u ta' sostenibbiltà, se jkun jenħtieġ li jiġi żgurat li l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni jiġu kondiviżi b'mod aktar ġust billi ***l-ftuħ*** ekonomiku u l-avvanz teknoloġiku jiġu rrikonċiljati ***mal-protezzjoni*** soċjali.

Emenda

(6) Fid-"Dokument ta' riflessjoni dwar l-immaniġġar tal-globalizzazzjoni"²⁰, il-Kummissjoni tidentifika l-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ flimkien mal-bidla teknoloġika bħala l-ixprunaturi ewlenin għaż-żieda fid-domanda għal ħiliet speċjalizzati u għat-tnaqqis fin-numru ta' impjiegi li jeħtieġu livell aktar baxx ta' kwalifiki. ***Filwaqt li wieħed jirrikonoxxi l-vantaġġi ta' kummerċ aktar miftuħ, hemm bżonn mezz adegwati biex jiġu indirizzati*** l-effetti negattivi. Peress li l-benefiċċji attwali tal-globalizzazzjoni diġà mhumieq imqassma b'mod ugwali fost in-nies u r-reġjuni, li jikkawża impatt sinifikanti fuq dawk li huma affettwati ħażin, hemm il-periklu li ***l-bidliet*** teknoloġiċi ***u ambjentali*** jkomplu jħeġġu dawn l-effetti. Għalhekk, b'konformità mal-prinċipji ta' solidarjetà u ta' sostenibbiltà, se jkun jenħtieġ li jiġi żgurat li l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni jiġu kondiviżi b'mod aktar ġust. ***Kwalunkwe effett negattiv simultanju tal-globalizzazzjoni u tat-tranżizzjonijiet teknoloġiċi u ambjentali għandu jiġi antiċipat b'mod aktar wiesa' mill-Fondi Strutturali rilevanti tal-Unjoni, bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), sabiex id-dinja tan-negozju u l-forza tax-xogħol jadattaw ruħhom aħjar billi t-tkabbir ekonomiku u l-avvanz teknoloġiku jiġu rrikonċiljati ma' protezzjoni soċjali adegwata u appoġġ attiv għall-aċċess għal opportunitajiet ta' xogħol u impjiegi***

https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-harnessing-globalisation_mt.

https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-harnessing-globalisation_mt.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Fid-"Dokument ta' riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE"²¹, il-Kummissjoni tenfasizza l-hteġa li jitnaqqsu d-diverġenzi ekonomiċi u soċjali bejn l-Istati membri u fihom. Għalhekk, il-prijorità ewlenija hija li jsir investiment fl-ugwaljanza, fl-inklużjoni soċjali, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ kif ukoll fis-saħħa.

https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-future-eu-finances_mt.

Emenda

(7) Fid-"Dokument ta' riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE"²¹, il-Kummissjoni tenfasizza l-hteġa li jitnaqqsu d-diverġenzi ekonomiċi u soċjali bejn l-Istati membri u fihom. Għalhekk, il-prijorità ewlenija hija li jsir investiment ***fl-iżvilupp sostenibbli***, fl-ugwaljanza, fl-inklużjoni soċjali, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ kif ukoll fis-saħħa.

https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-future-eu-finances_mt.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Il-globalizzazzjoni u l-bidla teknoloġika aktarx se jkomplu jżidu l-interkonnnettività u l-interdipendenza tal-ekonomiji tad-dinja. Ir-riallokazzjoni tax-

Emenda

(8) ***It-tibdil fil-klima***, il-globalizzazzjoni u l-bidla teknoloġika aktarx se jkomplu jżidu l-interkonnnettività u l-interdipendenza tal-ekonomiji tad-dinja. Ir-riallokazzjoni

xogħol hija parti integrali u inevitabbli **ta'** tali bidla ekonomika. **Jekk** il-benefiċċji tal-bidla jitqassmu b'mod ġust, l-ġhoti ta' assistenza lil ħaddiema spostati u lil dawk mhedda bl-ispostament huwa ta' importanza kbira. Il-"Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar"²², huwa l-istrument ta' politika tal-UE li jistabbilixxi l-qafas tal-aħjar prattiki biex jiġi antiċipat u indirizzat ir-ristrutturar korporattiv. Dan joffri qafas komprensiv dwar kif l-isfidi ta' aġġustament ekonomiku u ta' ristrutturar u l-impatt soċjali u l-impatt fuq l-impjieg tagħhom jenħtieġ li jiġu indirizzati b'mezzi ta' politika adegwati. Dan jistieden ukoll lill-Istati Membri jużaw finanzjament tal-UE u nazzjonali b'tali mod li jiżguraw li l-impatt soċjali tar-ristrutturar, speċjalment l-effetti negattivi fuq l-impjieg, ikunu jistgħu jittaffew b'mod aktar effettiv. **L-istrumenti ewlenin tal-Unjoni li jassistu lill-ħaddiema affettwati huma l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), li huwa maħsub biex joffri assistenza b'mod antiċipatorju, u l-FEG li huwa maħsub biex joffri assistenza fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija b'mod reattiv.**

²² KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar, (COM(2013)882 final, 13.12.2013)

tax-xogħol hija parti integrali u inevitabbli **minn** tali bidla ekonomika. **Biex** il-benefiċċji tal-bidla **jkunu jistgħu** jitqassmu b'mod ġust, l-ġhoti ta' assistenza lil ħaddiema spostati u lil dawk mhedda bl-ispostament huwa ta' importanza kbira. **L-istrumenti ewlenin tal-Unjoni li jassistu lill-ħaddiema affettwati huma l-FSE+, li huwa maħsub biex joffri assistenza b'mod antiċipatorju, u l-FET, li huwa maħsub biex joffri assistenza fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar b'mod reattiv.** Il-"Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar"²² huwa l-istrument ta' politika tal-UE li jistabbilixxi l-qafas tal-aħjar prattiki biex jiġi antiċipat u indirizzat ir-ristrutturar korporattiv. Dan joffri qafas komprensiv dwar kif l-isfidi ta' aġġustament ekonomiku u ta' ristrutturar u l-impatt soċjali u l-impatt fuq l-impjieg tagħhom jenħtieġ li jiġu indirizzati b'mezzi ta' politika adegwati. Dan jistieden ukoll lill-Istati Membri jużaw finanzjament tal-UE u nazzjonali b'tali mod li jiżguraw li l-impatt soċjali tar-ristrutturar, speċjalment l-effetti negattivi fuq l-impjieg, ikunu jistgħu jittaffew b'mod aktar effettiv.

²² KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar, (COM(2013)882 final, 13.12.2013)

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)

(11a) Jenħtieġ li l-programm tal-FET ikun viżibbli u jirrikjedi aktar data u data ta' kwalità aħjar, sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni xjentifika xierqa tal-FET u jiġu evitati restrizzjonijiet amministrattivi fit-tħaddim tal-programm ta' assistenza għall-aġġustament tal-kummerċ.

Emendi 8 u 97

Proposta għal regolament Premessa 13

(13) Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza kontinwa tar-rwol **tal-FEG** bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jgħinhom isibu impjieg ieħor malajr kemm jista' jkun. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi, appoġġ speċifiku ta' darba biex tkun iffaċilitata r-riintegrazzjoni **fid-dinja tax-xogħol** tal-ħaddiema spostati f'oqsma, f'setturi, f'territorji jew fi swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ta' taqlib ekonomiku serju. Meta **titqies** l-interazzjoni u l-effetti reċiproċi tal-kummerċ miftuħ, tal-bidla teknoloġika jew fatturi oħra bħat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, u għalhekk meta jitqies il-fatt li qed isir dejjem aktar diffiċli biex jiġi individwat fattur speċifiku li jikkawża l-ispostamenti tal-impjieg, fil-futur jenħtieġ li l-mobilizzazzjoni **tal-FEG** tkun ibbażata biss fuq l-impatt sinifikanti ta' avveniment ta' ristrutturar. Fid-dawl tal-għan tiegħu, li huwa li jipprovdi appoġġ f'sitwazzjonijiet urġenti u f'ċirkostanzi mhux mistennija, filwaqt li jikkumplimenta assistenza iktar

(13) Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza kontinwa tar-rwol **tal-FET** bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jgħinhom isibu impjieg ieħor malajr kemm jista' jkun. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi appoġġ speċifiku ta' darba biex tkun iffaċilitata r-riintegrazzjoni – **f'impjieg sostenibbli u ta' kwalità** – tal-ħaddiema spostati f'oqsma, f'setturi, f'territorji jew fi swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ta' taqlib ekonomiku serju. Meta **jitqiesu** l-interazzjoni u l-effetti reċiproċi tal-kummerċ miftuħ, tal-bidla teknoloġika, **tad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni** jew fatturi oħra **bħall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea** jew bħat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, u għalhekk meta jitqies il-fatt li qed isir dejjem aktar diffiċli biex jiġi individwat fattur speċifiku li jikkawża l-ispostamenti tal-impjieg, fil-futur jenħtieġ li l-mobilizzazzjoni **tal-FET** tkun ibbażata biss fuq l-impatt sinifikanti ta' avveniment ta' ristrutturar. Fid-dawl tal-għan tiegħu, li huwa li jipprovdi appoġġ

antiċipatorja offruta mill-FSE+, jenħtieġ li ***l-FEG*** jibqa' strument flessibbli u speċjali barra mil-limiti massimi baġitarji tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027" u l-anness²⁷ ***tiegħu***.

²⁷ SWD (2018) 171 final tal-Kummissjoni u l-anness ***tiegħu*** COM (2018) 321 final.

f'sitwazzjonijiet urġenti u f'ċirkostanzi mhux mistennija, filwaqt li jikkumplementa assistenza iktar antiċipatorja offruta mill-FSE+, jenħtieġ li ***l-FET*** jibqa' strument flessibbli u speċjali barra mil-limiti massimi baġitarji tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi – Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027" u l-anness²⁷ ***relattiv***.

²⁷ SWD (2018) 171 final tal-Kummissjoni u l-anness ***relattiv*** COM (2018) 321 final.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji, il-Parlament Ewropew reġa' kkonferma l-pożizzjoni soda tiegħu dwar il-livell ta' finanzjament meħtieġ għall-politiki ewlenin tal-Unjoni fil-QFP 2021-2027, sabiex dawn ikunu jistgħu jissodisfaw il-missjoni u l-oġettivi tagħhom. Huwa saħaq b'mod partikolari fuq l-appell biex il-finanzjament speċifiku tal-QFP għall-SMEs jiġi rdoppjat u biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh; laqa' diversi proposti li jtejbu d-dispożizzjonijiet attwali, b'mod partikolari ż-żieda fl-allokazzjonijiet ta' strumenti speċjali; u sqarr l-intenzjoni tiegħu li jinnegoza titjib addizzjonali fejn ikun hemm bżonn.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Kif intqal, sabiex tinżamm in-natura Ewropea ***tal-FEG***, jenħtieġ li tiskatta applikazzjoni għal appoġġ meta avveniment ta' ristrutturar kbir jikkawża impatt sinifikanti fuq l-ekonomija lokali jew reġjonali. Tali impatt jenħtieġ li jiġi ddefinit b'numru minimu ta' spostamenti tal-impjiegi f'perjodu speċifiku ta' referenza. Filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li l-limitu jiġi stabbilit għal **250** spostament ta' impjiegi ***fi żmien perjodu*** ta' referenza ***ta' erba' xhur (jew 6 xhur f'każijiet settorjali)***. Filwaqt li jitqies il-fatt li ***l-mewġ*** ta' sensji f'setturi differenti, iżda fl-istess reġjun ikollhom impatt sinifikanti fuq is-suk tax-xogħol lokali, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll applikazzjonijiet reġjonali. Fi swieq tax-xogħol żgħar, bħal Stati Membri żgħar jew reġjuni remoti, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi kif imsemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ***l-applikazzjonijiet*** jistgħu jiġu sottomessi fil-każ ta' numru ***inqas*** ta' spostamenti tal-impjiegi.

Emenda

(14) Kif intqal, sabiex tinżamm in-natura Ewropea ***tal-FET***, jenħtieġ li tiskatta applikazzjoni għal appoġġ meta avveniment ta' ristrutturar kbir jikkawża impatt sinifikanti fuq l-ekonomija lokali jew reġjonali. Tali impatt jenħtieġ li jiġi ddefinit b'numru minimu ta' spostamenti tal-impjiegi f'perjodu speċifiku ta' referenza. Filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li l-limitu jiġi stabbilit għal **200** spostament ta' impjiegi ***fil-perjodi*** ta' referenza ***rispettivi***. Filwaqt li jitqies il-fatt li ***l-mewġiet*** ta' sensji f'setturi differenti, iżda fl-istess reġjun ikollhom impatt sinifikanti fuq is-suk tax-xogħol lokali, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll applikazzjonijiet reġjonali. Fi swieq tax-xogħol żgħar, bħal Stati Membri żgħar jew reġjuni remoti, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi kif imsemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ***għandhom ikunu*** jistgħu jiġu sottomessi ***applikazzjonijiet*** fil-każ ta' numru ***iżgħar*** ta' spostamenti tal-impjiegi.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) Filwaqt li jiġi rispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, u filwaqt li titqies il-

ħtieġa ta' impatt sinifikanti min-naħa tal-avveniment ta' ristrutturar bħala limitu minimu għal applikazzjoni fil-qafas tal-FET, jenħtieġ li l-Fond jagħmel ħiltu biex tintwera solidarjetà mal-ħaddiema li jkunnu ngħataw is-sensja minn kull tip ta' intrapriża, irrispettivament mid-daqs tagħha.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 14b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14b) Jenħtieġ li l-FET jibqa' strument speċjali tal-Unjoni li jirreaġixxi għal sitwazzjonijiet li jikkawżaw avvenimenti ta' ristrutturar importanti fis-suq tax-xogħol Ewropew. Madankollu, jenħtieġ li l-Unjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex issib modi aktar sostenibbli kif tittratta l-bidla strutturali u l-isfidi li jaffettwaw is-swieq tax-xogħol u jwasslu għal avvenimenti bħal dawn fl-Istati Membri.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Bidla, li huwa bbażat fil-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) f'Dublin, jagħti assistenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'analizizzjoni kwalitattivi u

(17) Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Bidla, li huwa bbażat fil-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) f'Dublin, jagħti assistenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'analizizzjoni kwalitattivi u

kwantitattivi sabiex jgħin fil-valutazzjoni tat-tendenzi ***tal-globalizzazzjoni, tar-ristrutturar u tal-użu tal-FEG.***

kwantitattivi sabiex jgħin fil-valutazzjoni tat-tendenzi, ***bħal fil-globalizzazzjoni, il-bidliet teknoloġiċi u ambjentali, ir-ristrutturar u l-użu tal-FET. Jenħtieġ li dawn l-analiżijiet jinkludu data diżaggregata suffiċjenti, partikolarment mill-perspettiva tas-sessi, sabiex l-inugwaljanzi bejn is-sessi jiġu miġġielda b'mod aktar effiċjenti.***

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) L-Osservatorju Ewropew tar-Ristrutturar (ERM) tal-Eurofound josserva f'ħin reali r-rapportar ta' avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira madwar l-Unjoni, abbażi ta' netwerk ta' korrispondenti nazzjonali. L-ERM huwa rilevanti ħafna għall-FET u jenħtieġ li jassisti l-operat tiegħu partikolarment billi jgħin fl-identifikazzjoni ta' każijiet ta' intervent potenzjali fi stadju bikri.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18) Il-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet ***jenħtieġ*** li jkollhom aċċess ugwali ***għall-FEG***, ikun xi jkun it-tip ta'

(18) Il-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet ***jenħtieġ*** li jkollhom aċċess ugwali ***għall-FET***, ikun xi jkun it-tip ta'

kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg tagħhom. Għalhekk, ***ħaddiema*** spostati kif ukoll il-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet jenħtieġ li jitqiesu bħala benefiċjarji ***tal-FEG possibbli*** għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg tagħhom. Għalhekk, ***il-ħaddiema*** spostati, ***irrispettivament mit-tip u t-tul tar-relazzjoni tal-impjieg tagħhom***, kif ukoll il-persuni li jaħdmu għal rashom ***u*** li l-attività tagħhom tkun waqfet, jenħtieġ li jitqiesu bħala benefiċjarji ***possibbli tal-FET*** għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji ***mill-FEG*** jenħtieġ li jiffokaw prinċipalment fuq miżuri attivi tas-suq tax-xogħol ***immirati*** lejn ir-riintegrazzjoni rapida tal-benefiċjarji f'impjieg sostenibbli, fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu. Jenħtieġ li l-miżuri jirriflettu l-ħtiġijiet ***mistennija*** fis-suq tax-xogħol lokali jew reġjonali. Madankollu, kull meta jkun rilevanti, jenħtieġ li tkun appoġġata wkoll il-mobbiltà tal-ħaddiema spostati biex isibu impjieg ġdid xi mkien ieħor. Jenħtieġ li ssir enfasi partikolari fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era diġitali. L-inklużjoni ta' allowances ta' flus f'pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jenħtieġ li tkun ristretta. ***Il-kumpaniji jistgħu*** jiġu mħeġġa ***biex*** jipparteċipaw fil-kofinanzjament nazzjonali għall-miżuri li huma appoġġati ***mill-FEG***.

Emenda

(19) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji ***mill-FET*** jenħtieġ li jiffokaw prinċipalment fuq miżuri attivi tas-suq tax-xogħol ***u servizzi personalizzati mmirati*** lejn ir-riintegrazzjoni rapida tal-benefiċjarji f'impjieg sostenibbli ***u ta' kwalità f'settur orjentat lejn il-futur***, fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu, ***iżda jenħtieġ li jfittxu wkoll li jippromwovu l-impjieg indipendenti u l-ħolqien ta' intrapriżi, inkluż bit-twaqqif ta' kooperattivi***. Jenħtieġ li l-miżuri jirriflettu l-ħtiġijiet ***prospettivi*** fis-suq tax-xogħol lokali jew reġjonali. Madankollu, kull meta jkun rilevanti, jenħtieġ li tkun appoġġata wkoll il-mobbiltà tal-ħaddiema spostati biex isibu impjieg ġdid xi mkien ieħor. Jenħtieġ li ssir enfasi partikolari fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era diġitali, ***u fuq il-ġlieda kontra l-istereotipi tas-sessi fl-impjieg, jekk ikun il-każ***. L-inklużjoni ta' allowances ta' flus f'pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jenħtieġ li tkun ristretta. ***Jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju jikkomplementa – u mhux jissostitwixxi – kwalunkwe miżura li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri jew tal-kumpaniji skont il-liġi***

*nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi.
Jenħtieġ li l-kumpaniji jiġu mħeġġa
jipparteċipaw fil-kofinanzjament
nazzjonali għall-miżuri li huma appoġġati
mill-FET.*

Emenda 17

**Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) Fl-implimentazzjoni u t-tfassil ta' pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati, immirat biex tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, jenħtieġ li l-Istati Membri jisfruttaw u jimmiraw aħjar għall-oġettivi tal-Aġenda Diġitali u l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali bil-ħsieb li tiġi indirizzata d-disparità serja bejn is-sessi fis-setturi tal-ICT u tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) permezz tal-promozzjoni tat-taħriġ mill-ġdid u r-rikwalifikazzjoni tan-nisa f'dawn is-setturi. Barra minn hekk, fl-implimentazzjoni u t-tfassil ta' pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati, jenħtieġ li l-Istati Membri jevitaw li jipperpetwaw id-dominazzjoni ta' sess wieħed f'dawk l-industriji u s-setturi li fihom tradizzjonalment kien jiġri hekk. Iż-żieda fir-rappreżentanza tal-inqas sess rappreżentat f'setturi differenti, bħall-finanzi, l-ICT u l-iSTEM, tikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-differenza bejn is-sessi fl-ambitu tal-paga u l-pensjonijiet.

Emenda 18

**Proposta għal regolament
Premessa 20**

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Meta jkunu qed jistabbilixxu l-pakkett ikkoordinat tal-miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol, jenħtieġ li l-Istati Membri jiffavorixxu miżuri li jkunu se jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-impjegabbiltà tal-benefiċjarji. Jenħtieġ li l-Istati Membri jħabirku għar-riintegrazzjoni f'impjeg sostenibbli ***tal-akbar numru possibbli ta' benefiċjarji*** li jkunu qed jipparteċipaw f'dawn il-miżuri mill-aktar fis possibbli fil-perjodu ta' ***sitt*** xhur qabel ma jkun dovut ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja.

Emenda

(20) Meta jkunu qed jistabbilixxu l-pakkett ikkoordinat tal-miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol, jenħtieġ li l-Istati Membri jiffavorixxu miżuri li jkunu se jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-impjegabbiltà tal-benefiċjarji. Jenħtieġ li l-Istati Membri jħabirku għar-riintegrazzjoni – f'impjeg sostenibbli ***u ta' kwalità – tal-benefiċjarji kollha*** li jkunu qed jipparteċipaw f'dawn il-miżuri mill-aktar fis possibbli fil-perjodu ta' ***seba'*** xhur qabel ma jkun dovut ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja. ***Jenħtieġ li t-tfassil tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati jqis ir-raġunijiet sottostanti għas-sensji – meta rilevanti – u jantiċipa l-perspettivi u l-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol fil-futur. Jenħtieġ li l-pakkett koordinat ikun kompatibbli bis-sħiħ mal-bidla lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u li ma tagħmilx ħsara lill-klima.***

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) ***Jenħtieġ*** li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-benefiċjarji żvantaġġati, inklużi ***ż-żgħażaġh*** qiegħda u dawk li huma aktar kbar fl-età ***kif ukoll dawk li jinsabu f'riskju ta' faqar, meta jkunu qed ifasslu l-pakkett ikkoordinat ta' miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol***, peress li dawk il-gruppi jesperjenzaw problemi partikolari biex jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

Emenda

(21) ***Meta jkunu qed ifasslu l-pakkett ikkoordinat ta' miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol, jenħtieġ*** li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-benefiċjarji żvantaġġati, inklużi ***l-persuni b'diżabilità, il-persuni li għandhom qrafa dipendenti, iż-żgħażaġh*** qiegħda u dawk li huma aktar kbar fl-età, ***il-persuni b'livell baxx ta' kwalifiki, il-persuni li ġejjin minn kuntest migratorju kif ukoll il-persuni li***

Minkejja dan, il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tan-nondiskriminazzjoni, li huma fost il-valuri ewlenin tal-Unjoni u li jinsabu minquxa fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jenħtieġ li jiġu rrispettati u promossi meta jkun qed jiġi implimentat ***l-FEG***.

jinsabu f'riskju ta' faqar, peress li dawkl il-gruppi jesperjenzaw problemi partikolari biex jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Minkejja dan, il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tan-nondiskriminazzjoni, li huma fost il-valuri ewlenin tal-Unjoni u li jinsabu minquxa fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jenħtieġ li jiġu rrispettati u promossi meta jkun qed jiġi implimentat ***il-FET***.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) Fil-perjodu bejn Marzu 2007 u Marzu 2017, il-Kummissjoni rċeviet 148 applikazzjoni għal kofinanzjament mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) minn 21 Stat Membru, għal total ta' kważi EUR 600 miljun biex jiġu megħjuna 138 888 ħaddiem spostat u 2 944 persuna barra mill-edukazzjoni, l-impjieġ jew it-taħriġ (NEET).

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22) Biex il-benefiċjarji jiġu appoġġati b'mod effettiv u rapidu, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom kollha sabiex jissottomettu applikazzjonijiet kompluti għal kontribuzzjoni finanzjarja ***mill-FEG***. F'każ li l-Kummissjoni titlob aktar informazzjoni għall-valutazzjoni ta' applikazzjoni, jenħtieġ li l-ġhoti tal-

(22) Biex il-benefiċjarji jiġu appoġġati b'mod effettiv u rapidu, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom kollha sabiex jissottomettu ***b'urġenza*** applikazzjonijiet kompluti għal kontribuzzjoni finanzjarja ***mill-FET u li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jagħmlu l-almu tagħhom biex jivvalutawhom rapidament***. F'każ li l-

informazzjoni addizzjonali jkun limitat fiż-
żmien.

Kummissjoni titlob aktar informazzjoni
għall-valutazzjoni ta' applikazzjoni,
jenħtieġ li l-għoti tal-informazzjoni
addizzjonali jkun limitat fiż-żmien.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) Biex jiġu ffaċilitati l-implimentazzjoni u l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tingħata aktar pubbliċità lill-FET u l-possibbiltajiet tiegħu, b'mod partikolari fil-livell ta' l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri.

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22b) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-aċċess għall-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali permezz ta' helpdesk apposta li toffri informazzjoni u spjegazzjonijiet ġenerali dwar il-proċeduri u dwar kif għandha tiġi sottomessa applikazzjoni. Jenħtieġ li l-helpdesk tipprovdi formoli standard għall-istatistika u għal analiżi ulterjuri.

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Fl-interess tal-benefiċjarji u tal-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri, jenħtieġ li l-Istati Membri applikanti jżommu lill-atturi kollha li huma involuti fil-proċess tal-applikazzjoni mgħarrfa bil-progress tal-applikazzjoni.

Emenda

(23) Fl-interess tal-benefiċjarji u tal-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri, jenħtieġ li l-Istati Membri applikanti jżommu lill-atturi kollha li huma involuti fil-proċess tal-applikazzjoni mgħarrfa bil-progress tal-applikazzjoni ***u jinvolvuhom kontinwament matul il-proċess tal-implimentazzjoni.***

Emenda 25

**Proposta għal regolament
Premessa 24**

Test propost mill-Kummissjoni

(24) F'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, ***jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet*** finanzjarji mill-FEG ma ***jissostitwixxux il-miżuri*** ta' appoġġ li huma disponibbli għall-benefiċjarji fi ħdan il-fondi tal-Unjoni jew politiki jew programmi oħra tal-Unjoni iżda fejn hu possibbli jenħtieġ li jikkomplementawhom.

Emenda

(24) F'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, ***il-kontribuzzjonijiet*** finanzjarji mill-FET ma ***jistgħux jissostitwixxu l-miżuri*** ta' appoġġ li huma disponibbli għall-benefiċjarji fi ħdan il-fondi tal-Unjoni jew politiki jew programmi oħra tal-Unjoni iżda ***pjuttost***, fejn hu possibbli, jenħtieġ li jikkomplementawhom. ***Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FET lanqas ma tista' tieħu post miżuri nazzjonali jew miżuri li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-kumpaniji li jagħtu s-sensja skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi u, minflok, jenħtieġ li toħloq valur Ewropew miżjud reali.***

Emenda 26

**Proposta għal regolament
Premessa 25**

Test propost mill-Kummissjoni

(25) **Jenħtieġ** li jiġu inklużi dispożizzjonijiet speċjali għal attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fuq każijiet ***tal-FEG*** u r-riżultati tagħhom.

Emenda

(25) ***Fid-dawl tal-prinċipju tal-ugwaljanza, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw aċċess effettiv għall-informazzjoni dwar il-FET fit-territorju tagħhom kollu, inkluż fiż-żoni rurali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippromwovi, b'mod partikolari, it-tixrid tal-aħjar prattiki eżistenti, tippubbliċizza l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-proċeduri tal-applikazzjoni tal-FET u tinforma liċ-ċittadini tal-Unjoni – partikolarment lill-ħaddiema – dwar il-Fond. Jenħtieġ li jiġu inklużi dispożizzjonijiet speċjali għal attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fuq każijiet tal-FET u r-riżultati tagħhom.***

Emenda 27

**Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) Sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet li jinqalgħu b'mod speċjali matul l-ewwel xhur ta' kull sena, meta l-għażliet fir-rigward ta' trasferimenti minn linji baġitarji oħra jkunu partikolarment limitati, jenħtieġ li, fil-proċedura baġitarja annwali, jitqiegħed għad-dispożizzjoni ammont adegwat ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-linja baġitarja tal-FET.

Vot separat

**Proposta għal regolament
Premessa 29**

(29) Fl-interess tal-benefiċjarji, jenħtieġ li l-assistenza ssir disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-**FEG** jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jitnaqqas iż-żmien tal-ipproċessar u biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni rapida u bla xkiel tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-**FEG**. **Għalhekk, fil-futur jenħtieġ li l-Autorità Baġitarja tiddeċiedi fuq it-talbiet għal trasferiment sottomessi mill-Kummissjoni, li ma jeħtieġx Proposta tal-Kummissjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG.**

(29) Fl-interess tal-benefiċjarji, jenħtieġ li l-assistenza ssir disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-**FET** jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jitnaqqas iż-żmien tal-ipproċessar u biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni rapida u bla xkiel tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-**FET**.

Emenda 29

Proposta għal regolament Premessa 30

(30) Fil-każ li xi intrapriża tagħlaq, il-ħaddiema spostati jistgħu jiġu megħjuna jieħdu f'idejhom xi wħud mill-attivitajiet jew l-attivitajiet kollha ta' min kien iħaddimhom qabel.

(30) Fil-każ li xi intrapriża tagħlaq, il-ħaddiema spostati jistgħu jiġu megħjuna jieħdu f'idejhom xi wħud mill-attivitajiet jew l-attivitajiet kollha ta' min kien iħaddimhom qabel **u l-Istat Membru fejn tinsab l-intrapriża jista' jantiċipa l-fondi li jkunu meħtieġa b'urġenza biex dan ikun jista' jsir.**

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 31

(31) Sabiex jippermettu skrutinju politiku

(31) Sabiex jippermettu skrutinju politiku

mill-Parlament Ewropew u monitoraġġ kontinwu mill-Kummissjoni tar-risultati miksuba bl-assistenza ***tal-FEG***, jenħtieġ li l-Istati Membri jissottomettu rapport finali dwar l-implimentazzjoni ***tal-FEG***.

mill-Parlament Ewropew u monitoraġġ kontinwu mill-Kummissjoni tar-risultati miksuba bl-assistenza ***tal-FET***, jenħtieġ li l-Istati Membri jissottomettu rapport finali dwar l-implimentazzjoni ***tal-FET li jenħtieġ li jirreaġixxi għal rekwiżiti ċari ta' monitoraġġ u jinkludi segwitu tal-benefiċjarji u valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi***.

Emenda 31

Proposta għal regolament Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(32a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jassiguraw attivitajiet ta' komunikazzjoni effikaċi biex jippromwovu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FET, jenfasizzaw li l-finanzjament oriġina mill-Unjoni u jtejbu l-viżibbiltà tal-attivitajiet finanzjarji tal-Unjoni fl-ambitu tal-Fond.

Emenda 32

Proposta għal regolament Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(37) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira ġenerali li 25 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE tappoġġa l-oġġettivi tal-klima. Matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-fond, se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, u se jiġu

(37) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira ġenerali li 25 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE tappoġġa l-oġġettivi tal-klima ***matul il-perjodu tal-QFP 2021-2027, u mira annwali ta' 30 % malajr kemm jista' jkun u mhux aktar***

vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni tiegħu.

tard mill-2027. Matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-fond, se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni tiegħu.

Ġustifikazzjoni

Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-QFP li jmiss: tħejja tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020 (2017/2052(INI)), talab mira ta' 30 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE f'appoġġ biex jintlaħqu l-oġġettivi klimatiċi malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-2027.

Emenda 33

Proposta għal regolament Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Meta jitqies il-fatt li t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija tirrikjedi ċertu livell ta' kompetenza diġitali tal-forza tax-xogħol, it-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era diġitali jenħtieġ li jkun element orizzontali obbligatorju ta' kwalunkwe pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati offruti.

Emenda

(39) Meta jitqies il-fatt li t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija tirrikjedi ċertu livell ta' kompetenza diġitali tal-forza tax-xogħol, it-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era diġitali jenħtieġ li jkun element orizzontali obbligatorju ta' kwalunkwe pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati offruti ***u jenħtieġ li jinkorpora l-oġġettiv li tiżdied il-partekipazzjoni tan-nisa fil-professjonijiet STEM.***

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Jistipula l-oġġettivi ***tal-FEG***, il-forom tal-finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament, inklużi l-applikazzjonijiet mill-Istati Membri għall-

Emenda

Jistipula l-oġġettivi ***tal-FET***, il-forom tal-finanzjament tal-Unjoni u r-regoli ***u l-kriterji*** għall-għoti ta' tali finanzjament, inklużi l-applikazzjonijiet mill-Istati

kontribuzzjonijiet finanzjarji **mill-FEG** għal miżuri mmirati lejn il-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 7.

Membri għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji **mill-FET** għal miżuri mmirati lejn il-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 7.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-FEG għandu jikkontribwixxi għal **distribuzzjoni aħjar tal-benefiċċji tal-globalizzazzjoni u tal-avvanz teknoloġiku** billi jgħin lill-ħaddiema spostati **jadattaw** għal **bidla strutturali**. Bħala tali, **l-FEG** għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ddefiniti skont il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni u l-Istati Membri.

Emenda

L-objettiv tal-FET għandu jkun li jappoġġa trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni u l-bidliet teknoloġiċi u ambjentali billi jgħin lill-ħaddiema spostati **permezz tal-promozzjoni ta' impjieġ alternattiv u sostenibbli. Il-FET għandu jkun fond ta' emerġenza li jopera b'mod reattiv u jikkontribwixxi għal tranżizzjoni ġusta**. Bħala tali, **il-FET** għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ddefiniti skont il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni u l-Istati Membri.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-objettiv ġenerali **tal-FEG** huwa li juri solidarjetà mal-ħaddiema spostati **u l-persuni** li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, imsemmija **fl-Artikolu 5, u joffrilhom**

Emenda

1. L-objettiv ġenerali **tal-programm** huwa li juri solidarjetà mal-ħaddiema spostati, **irrispettivament mit-tip jew it-tul tar-relazzjoni tal-impjieġ tagħhom, kif ukoll mal-persuni** li jaħdmu għal rashom **u** li l-attività tagħhom tkun

appoġġ.

waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, imsemmija ***fil-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 5***, u joffri appoġġ ***finanzjarju għal miżuri biex dawn jerġgħu jsibu impjieġ.***

Emendi 37 u 98

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-objettiv speċifiku ***tal-FEG*** huwa li joffri assistenza ***f'avvenimenti*** ta' ristrutturar kbar ***mhux mistennija***, partikolarment dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, tilwim kummerċjali, kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew ***tal-awtomatizzazzjoni***. ***Għandu jkun hemm enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-gruppi l-aktar żvantaġġati.***

Emenda

2. L-objettiv speċifiku ***tal-FET*** huwa li joffri assistenza ***u appoġġ lill-ħaddiema fir-rigward tar-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol fil-każ ta' avvenimenti*** ta' ristrutturar kbar, partikolarment dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, tilwim kummerċjali, kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, ***il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea***, it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni, ***l-awtomatizzazzjoni*** jew ***il-bidla teknoloġika***. ***Għandha ssir enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-gruppi l-aktar żvantaġġati u fuq il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi.***

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) "ħaddiem spostat" tfisser ħaddiem li l-impjieg tiegħu jintemm qabel iż-żmien minħabba l-għoti tas-sensja, jew li l-kuntratt tiegħu ma jiġġeddidx, minħabba raġunijiet ekonomiċi;

Emenda

(a) "ħaddiem spostat" tfisser ħaddiem, ***irrispettivament mit-tip jew it-tul tar-relazzjoni tal-impjieg tiegħu***, li l-impjieg tiegħu jintemm qabel iż-żmien minħabba l-għoti tas-sensja, jew li l-kuntratt tiegħu ma jiġġeddidx, minħabba raġunijiet ekonomiċi;

Emenda 39

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-waqfien ***ta' attività*** ta' ***aktar minn 250*** ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu għal rashom, matul perjodu ta' referenza ta' ***erba'*** xhur, f'intrapriża fi Stat Membru, inkluż fejn dak il-waqfien japplika fil-fornituri tagħha jew fil-produtturi downstream;

Emenda

(a) il-waqfien ***tal-attività*** ta' ***mill-inqas 200*** ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu għal rashom, matul perjodu ta' referenza ta' ***sitt*** xhur, f'intrapriża fi Stat Membru, inkluż fejn dak il-waqfien japplika fil-fornituri tagħha jew fil-produtturi downstream;

Emenda 40

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-waqfien ***ta' attività*** ta' ***aktar minn 250*** ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu

Emenda

(b) il-waqfien ***tal-attività*** ta' ***mill-inqas 200*** ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu

għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' **sitt** xhur, partikolarment fl-SMEs, fejn kollha kemm huma joperaw fl-istess settur ekonomiku ddefinit fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jkun jinsab f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 jew f'aktar minn żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 sakemm hemm **aktar minn 250** ħaddiem jew persuni li jaħdmu għal rashom milqutin fi tnejn mir-reġjuni kombinati;

għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' **disa'** xhur, partikolarment fl-SMEs, fejn kollha kemm huma joperaw fl-istess settur ekonomiku ddefinit fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jkun jinsab f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 jew f'aktar minn żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 sakemm **ikun hemm mill-inqas 200** ħaddiem jew persuni li jaħdmu għal rashom milqutin fi tnejn mir-reġjuni kombinati;

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c

Test proposit mill-Kummissjoni

(c) il-waqfien **ta' attività** ta' **aktar minn 250** ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' **erba'** xhur, partikolarment fl-SMEs, li joperaw fl-istess setturi ekonomiċi jew f'setturi differenti ddefiniti fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jkunu jinsabu fl-istess reġjun iddefinit fil-livell NUTS 2.

Emenda

(c) il-waqfien **tal-attività** ta' **mill-inqas 200** ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' **disa'** xhur, partikolarment fl-SMEs, li joperaw fl-istess setturi ekonomiċi jew f'setturi differenti ddefiniti fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jkunu jinsabu fl-istess reġjun iddefinit fil-livell NUTS 2.

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3

Test proposit mill-Kummissjoni

3. Fi swieq tax-xogħol żgħar jew

Emenda

3. Fi swieq tax-xogħol żgħar jew

f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ***b'mod partikolari fir-rigward ta'*** applikazzjonijiet li jinvolvu l-SMEs, fejn tkun debitament motivata mill-Istat Membru applikant, applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan l-Artikolu tista' tiġi kkunsidrata ammissibbli anke jekk il-kriterji stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 ma jiġux issodisfati kompletament, meta s-sensji jkollhom impatt serju fuq ***l-impjiegi*** u fuq l-ekonomija lokali ***jew*** reġjonali. L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika liema mill-kriterji ta' intervent stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 mhumex issodisfati bis-sħiħ. L-ammont aggregat tal-kontribuzzjonijiet f'ċirkostanzi eċċezzjonali ma jistax jaqbeż il-15 % tal-limitu massimu annwali ***tal-FEG***.

f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ***li jinkludu*** applikazzjonijiet li jinvolvu l-SMEs, fejn tkun debitament motivata mill-Istat Membru applikant, applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan l-Artikolu tista' tiġi kkunsidrata ammissibbli anke jekk il-kriterji stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 ma jiġux issodisfati kompletament, meta s-sensji jkollhom impatt serju fuq ***il-livelli tal-impjeg*** u fuq l-ekonomija lokali, reġjonali ***jew nazzjonali***. L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika liema mill-kriterji ta' intervent stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 mhumex issodisfati bis-sħiħ. L-ammont aggregat tal-kontribuzzjonijiet f'ċirkostanzi eċċezzjonali ma jistax jaqbeż il-15 % tal-limitu massimu annwali ***tal-FET***.

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. ***L-FEG*** ma jistax jiġi mmobilizzat meta l-ħaddiema jingħataw is-sensja bħala riżultat ta' tnaqqis fil-baġit li jittieħed minn Stat Membru, li jaffettwa lis-setturi li jiddependu mill-finanzjament pubbliku.

Emenda

4. ***Il-FET*** ma jistax jiġi mmobilizzat meta l-ħaddiema jingħataw is-sensja bħala riżultat ta' tnaqqis fil-baġit li jittieħed minn Stat Membru, li jaffettwa lis-setturi li jiddependu ***primarjament*** mill-finanzjament pubbliku.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika l-metodu użat għall-kalkolu tan-numru ta' ħaddiema u persuni li jaħdmu għal rashom iddefinit fl-Artikolu 4, għall-fini tal-Artikolu 5.

Emenda

1. L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika l-metodu użat għall-kalkolu tan-numru ta' ħaddiema **spostati** u persuni li jaħdmu għal rashom iddefinit fl-Artikolu 4, għall-fini **tal-paragrafi 1, 2 u 3** tal-Artikolu 5.

Emenda 45

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ħaddiema spostati u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet, ikkalkolati skont l-Artikolu 6, fil-perjodi ta' referenza previsti fl-Artikolu 5;

Emenda

(a) ħaddiema spostati u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet, ikkalkolati skont l-Artikolu 6, fil-perjodi ta' referenza previsti **fil-paragrafi 1, 2 u 3** tal-Artikolu 5;

Emenda 46

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'deroga mill-Artikolu 5, l-Istati Membri applikanti jistgħu jipprovdu servizzi personalizzati kofinanzjati mill-FET lil għadd ta' NEETs (barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ) taħt il-25 sena jew – jekk l-Istati Membri jiddeċiedu hekk – taħt il-30 sena, fid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, li jkun ugwali għall-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, bħala prijorità lil persuni li jkunu ngħataw is-sensja jew li l-attività tagħhom tkun waqfet, dment li tal-inqas xi wħud mis-

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja **mill-FEG** għal miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li jagħmlu parti minn pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji speċifikati u, b'mod partikolari, dawk l-aktar żvantaġġati fost il-ħaddiema spostati, f'impjieġ jew f'impjieġ indipendenti.

Emenda

Tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja **mill-FET** għal miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li jagħmlu parti minn pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati, **bl-involviment tal-organizzazzjonijiet trejdjunjonistiċi u/jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema**, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji speċifikati u, b'mod partikolari, dawk l-aktar żvantaġġati fost il-ħaddiema spostati, f'impjieġ jew f'impjieġ indipendenti **sostenibbli u ta' kwalità**.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali hija element orizzontali obbligatorju ta' kwalunkwe pakkett ta' servizzi personalizzati offruti. Il-livell ta' taħriġ għandu jiġi adattat għall-kwalifiki u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarju rispettiv.

Emenda

Id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali **u f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi** hija element orizzontali obbligatorju ta' kwalunkwe pakkett ta' **taħriġ u/jew** servizzi personalizzati offruti. Il-livell ta' taħriġ għandu jiġi adattat għall-kwalifiki, **il-ħiliet** u l-ħtiġijiet **speċifiċi** tal-benefiċjarju rispettiv.

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) taħriġ u taħriġ mill-ġdid imfasslin apposta, inkluż f'ħiliet ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u f'ħiliet oħrajn meħtieġa fl-era diġitali, iċ-ċertifikazzjoni tal-esperjenza miksuba, assistenza għat-tfittix ta' impjieg, gwida okkupazzjonali, servizzi konsultattivi, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokazzjoni, il-promozzjoni tal-intraprenditorija, assistenza għal impjieg indipendenti, għall-ftuħ ta' negozji u ta' teħid ta' kontroll mill-impjegati, u attivitajiet ta' kooperazzjoni;

Emenda

(a) taħriġ u taħriġ mill-ġdid imfasslin apposta, inkluż f'ħiliet ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u f'ħiliet oħrajn meħtieġa fl-era diġitali, iċ-ċertifikazzjoni tal-esperjenza miksuba, assistenza **personalizzata** għat-tfittix ta' impjieg, gwida okkupazzjonali, servizzi konsultattivi, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokazzjoni, il-promozzjoni tal-intraprenditorija, assistenza għal impjieg indipendenti, għall-ftuħ ta' negozji u ta' teħid ta' kontroll mill-impjegati, u attivitajiet ta' kooperazzjoni;

Emenda 50

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) miżuri speċjali b'limitu ta' żmien, bħal allowances għat-tfittix ta' impjieg, **inċentivi għar-reklutaġġ tal-impjegaturi**, allowances għall-mobbiltà, allowances għat-taħriġ jew għas-sussistenza, inklużi allowances għall-persuni li jindukraw.

Emenda

(b) miżuri speċjali b'limitu ta' żmien, bħal allowances għat-tfittix ta' impjieg, **allowances għall-indukrar tat-tfal**, allowances għall-mobbiltà, allowances għat-taħriġ jew għas-sussistenza, inklużi allowances għall-persuni li jindukraw **u inċentivi għar-reklutaġġ, fosthom inċentivi biex min iħaddem jipprovdi arranġamenti flessibbli tax-xogħol għall-**

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

L-ispejjeż tal-miżuri msemmija fil-punt (b) ma għandhomx jaqbżu l-35 % tal-ispejjeż totali **għall-pakkett** ikkoordinat ta' servizzi personalizzati elenkati f'dan il-paragrafu.

Emenda

L-ispejjeż tal-miżuri msemmija fil-punt (b) ma għandhomx jaqbżu l-35 % tal-ispejjeż totali **tal-pakkett** ikkoordinat ta' servizzi personalizzati elenkati f'dan il-paragrafu.

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

L-investimenti għal impjieg indipendenti, il-bidu ta' negozju jew it-teħid ta' kontroll mill-impjegati ma għandhomx jaqbżu l-EUR **20 000** għal kull ħaddiem spostat.

Emenda

L-investimenti għal impjieg indipendenti, il-bidu ta' negozju – **li jista' jkun kooperattiva** – jew it-teħid ta' kontroll mill-impjegati ma għandhomx jaqbżu l-EUR **25 000** għal kull ħaddiem spostat.

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

It-tfassil tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati għandu jantiċipa l-perspettivi futuri tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa. Il-pakkett ikkoordinat għandu jkun kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija *effiċjenti fir-riżorsi* u *sostenibbli*, u għandu jiffoka wkoll fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u jqis id-domanda fis-suq tax-xogħol lokali.

Emenda

It-tfassil tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati għandu jantiċipa l-perspettivi futuri tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa. Il-pakkett ikkoordinat għandu jkun kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija *sostenibbli* u *effiċjenti fir-riżorsi*, u għandu jiffoka wkoll fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u jqis id-domanda fis-suq tax-xogħol lokali *kif ukoll il-possibbiltà li l-ħaddiema jiġu riintegrati fis-settur okkupazzjonali tal-impjieg preċedenti tagħhom, meta avveniment ta' ristrutturar kbir ikun ħoloq ħtieġa ta' ħiliet ġodda jew supplementari u l-ħiliet eżistenti jkun jistgħu jintużaw bl-aktar mod effiċjenti.*

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) miżuri li jstimulaw partikolarment lill-ħaddiema żvantaġġati, lil dawk li qegħdin f'riskju ogħla ta' faqar jew lill-ħaddiema ta' età akbar biex jibqgħu jew jidħlu lura fis-suq tax-xogħol.

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) miżuri li huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi.

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-miżuri appoġġati **mill-FEG** ma **għandhomx** jissostitwixxu l-miżuri **passivi** ta' protezzjoni soċjali.

Il-miżuri appoġġati **mill-FET** ma **għandhom – taħt l-ebda ċirkostanza –** jissostitwixxu l-miżuri ta' protezzjoni soċjali **passivi**.

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi għandu jitfassal b'konsultazzjoni mal-benefiċjarji speċifikati jew mar-rappreżentanti tagħhom, **jew** mas-sħab soċjali.

3. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi għandu jitfassal b'konsultazzjoni mal-benefiċjarji speċifikati jew mar-rappreżentanti tagħhom, **u/jew** mas-sħab soċjali.

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, jew, fejn applikabbli, mid-data li fiha l-Kummissjoni jkollha f'idejha t-traduzzjoni tal-applikazzjoni, tkun liema tkun l-aħħar waħda li tasal, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jkollha b'zonn sabiex tivvaluta l-applikazzjoni.

Emenda

2. Fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, jew, fejn applikabbli, mid-data li fiha l-Kummissjoni jkollha f'idejha t-traduzzjoni tal-applikazzjoni, tkun liema tkun l-aħħar waħda li tasal, il-Kummissjoni għandha ***tikkonferma li rċeviet l-applikazzjoni u*** tgħarraf lill-Istat Membru bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jkollha b'zonn sabiex tivvaluta l-applikazzjoni.

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fejn tali informazzjoni addizzjonali tkun rikjesta mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jwieġeb fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data tat-talba. Din l-iskadenza għandha tiġi estiża mill-Kummissjoni b'għaxart ijiem ta' xogħol, fuq talba debitament ġustifikata tal-Istat Membru kkonċernat.

Emenda

3. ***Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha ttipprovdi assistenza teknika fl-istadji bikrija tal-proċedura.*** Fejn tali informazzjoni addizzjonali tkun rikjesta mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jwieġeb fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data tat-talba. Din l-iskadenza għandha tiġi estiża mill-Kummissjoni b'għaxart ijiem ta' xogħol, fuq talba debitament ġustifikata tal-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tlesti l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet rekwiżiti biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja, fi żmien **60** jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta jew, fejn applikabbli mit-traduzzjoni tal-applikazzjoni. **Fejn** il-Kummissjoni, ma tkunx tista' tirrispetta din l-iskadenza, **għandha** tagħti spjegazzjoni bil-miktub **fejn tagħti** r-raġunijiet **tad-dewmien**.

Emenda

4. Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tlesti l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet rekwiżiti biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja, fi żmien **40** jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta jew, fejn applikabbli mit-traduzzjoni tal-applikazzjoni. **Jekk** il-Kummissjoni ma tkunx tista' tirrispetta din l-iskadenza, **dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'20 jum dment li l-Kummissjoni** tagħti spjegazzjoni **minn qabel** bil-miktub **li fiha tiġġustifika** r-raġunijiet **għad-dewmien tagħha u tibgħat dik l-ispejgazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat**.

Emenda 61

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-konferma li, **fejn** l-intrapriża li tat is-sensji kompliet għaddejja bl-attivitajiet tagħha wara li tkun tat is-sensji, hija tkun irrispettat l-obbligi ġuridiċi tagħha li jirregolaw is-sensjar;

Emenda

(b) il-konferma li, **meta** l-intrapriża li tat is-sensji kompliet għaddejja bl-attivitajiet tagħha wara li tkun tat is-sensji, hija tkun irrispettat l-obbligi ġuridiċi **kollha** tagħha li jirregolaw is-sensjar **u tkun ipprovdiet għall-ħaddiema tagħha skont dawn l-obbligi**;

Emenda 62

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) indikazzjoni ċara tal-attivitajiet diġà

mwettqa mill-Istati Membri għall-assistenza tal-ħaddiema spostati u tan-natura komplementari tal-fondi mitluba mill-FET minħabba nuqqas ta' riżorsi għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali;

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 5 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) ħarsa ġenerali lejn il-fondi tal-Unjoni li diġà bbenefikat minnhom l-intrapriża li tkun tat is-sensji fil-ħames snin ta' qabel is-sensji kollettivi;

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 5 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) l-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija u l-impjiegi lokali, reġjonali **jew** nazzjonali;

(e) l-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija u l-impjiegi **fil-livell** lokali, reġjonali, **nazzjonali jew, fejn xieraq, dak transfruntier**;

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 5 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) deskrizzjoni ddettaljata tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati u nefqa relatata, inkluż, b'mod partikolari, kwalunkwe miżura li tkun b'appoġġ għall-inizjattivi ta' impjiegi għall-benefiċjarji

(f) deskrizzjoni ddettaljata tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati u nefqa relatata, inkluż, b'mod partikolari, kwalunkwe miżura li tkun b'appoġġ għall-inizjattivi ta' impjiegi għall-benefiċjarji

żvantaġġati, ta' età akbar **u** żgħażaġh;

żvantaġġati, **bi ftit hili**et, ta' età akbar,
żgħażaġh **u minn żoni żvantaġġati**;

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 5 – punt ma (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ma) dikjarazzjoni li l-azzjonijiet proposti se jkunu komplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali u li se jiġi evitat kwalunkwe finanzjament doppju.

Emenda 67

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-appoġġ għall-benefiċjarji speċifikati għandu jikkomplementa l-miżuri tal-Istati Membri fuq livell nazzjonali, reġjonali u **lokali** inklużi daww kofinanzjati mill-fondi tal-Unjoni, b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u tar-ristrutturar.

2. L-appoġġ għall-benefiċjarji speċifikati għandu jikkomplementa l-miżuri tal-Istati Membri fuq livell nazzjonali, reġjonali, **lokali** u, **fejn xieraq, transfruntier**, inklużi daww kofinanzjati mill-fondi **u l-programmi** tal-Unjoni, b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u tar-ristrutturar.

Emenda 68

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-**FEG** għandha tkun limitata għal dak li

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-**FET** għandha tkun limitata għal dak li

huwa neċessarju biex ttiprovdi appoġġ ta' darba, b'mod temporanju, **għall-benefiċjarji** speċifikati. Il-miżuri appoġġati mill-**FEG** għandhom ikunu konformi mal-liġi tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali, inklużi r-regoli dwar għajjnuna mill-Istat.

huwa neċessarju biex **tintwera solidarjetà, u** ttiprovdi appoġġ ta' darba, b'mod temporanju, **lill-benefiċjarji** speċifikati. Il-miżuri appoġġati mill-**FET** għandhom ikunu konformi mal-liġi tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali, inklużi r-regoli dwar għajjnuna mill-Istat.

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Skont ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istat Membru applikant għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni tal-assistenza mill-fondi tal-Unjoni.

Emenda

4. Skont ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istat Membru applikant għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni tal-assistenza mill-fondi **u l-programmi** tal-Unjoni.

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi jkunu parti integrali mill-istadji **varji** tal-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja **mill-FEG** u jiġu promossi matulha.

Emenda

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi jkunu parti integrali mill-istadji **xierqa kollha** tal-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja **mill-FET** u jiġu promossi matulha.

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, perċentwal ta' mhux aktar minn 0.5 % tal-limitu massimu annwali ***tal-FEG*** jista' jintuża ***għall-assistenza*** teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tiegħu, bħal attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u evalwazzjoni, ***inkluż is-sistemi corporate tas-sistemi*** tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' komunikazzjoni u dawk li jsaħħu l-viżibbiltà ***tal-FEG*** u miżuri amministrattivi oħrajn u ta' assistenza teknika. Tali miżuri jistgħu jkopru perjodi ta' programmar futuri u preċedenti.

Emenda

1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, perċentwal ta' mhux aktar minn 0,5 % tal-limitu massimu annwali ***tal-FET*** jista' jintuża ***biex jiffinanzja l-assistenza*** teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tiegħu, bħal attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' ***għbir ta' data, ta'*** kontroll, ta' awditjar u evalwazzjoni, ***inklużi s-sistemi*** tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' komunikazzjoni u dawk li jsaħħu l-viżibbiltà ***tal-FET*** u miżuri amministrattivi oħrajn u ta' assistenza teknika. ***Is-sinerġiji ma' sistemi ta' monitoraġġ stabbiliti, bħall-ERM, għandhom jissaħħu.*** Tali miżuri jistgħu jkopru perjodi ta' programmar futuri u preċedenti.

Emenda 72

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Jekk timplimenta l-assistenza teknika b'ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trasparenza tal-proċedura għall-għażla tal-parti terza inkarigata mit-twettiq tal-kompiti assenjati lilha u għandha tinforma lill-partijiet ikkonċernati kollha tal-FET, fosthom il-Parlament Ewropew, dwar is-sottokuntrattur magħżul għal dak l-iskop.

Emenda

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-assistenza teknika tal-Kummissjoni għandha tinkludi l-għoti ta' informazzjoni u gwida għall-Istati Membri għall-użu, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni ***tal-FEG***. Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi wkoll informazzjoni flimkien ma' gwida ċara dwar l-użu ***tal-FEG*** lis-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali. Il-miżuri ta' gwida jistgħu jinkludu wkoll il-***ħolqien ta' task forces*** f'każijiet ta' taqlib ekonomiku sever fi Stat Membru.

Emenda

4. L-assistenza teknika tal-Kummissjoni għandha tinkludi l-għoti ta' informazzjoni u gwida għall-Istati Membri għall-użu, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni ***tal-FET, inkluż il-ħolqien ta' helpdesk***. Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi wkoll informazzjoni flimkien ma' gwida ċara dwar l-użu ***tal-FET*** lis-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali. Il-miżuri ta' gwida jistgħu jinkludu wkoll il-***ħolqien ta' task forces*** f'każijiet ta' taqlib ekonomiku sever fi Stat Membru.

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni billi jipprovdu informazzjoni koerenti, effettiva u mmirata lil udjenzi multipli, inklużi informazzjoni mmirata lill-benefiċjarji, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, il-midja u l-pubbliku.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni billi jipprovdu informazzjoni koerenti, effettiva u mmirata lil udjenzi multipli, inklużi informazzjoni mmirata lill-benefiċjarji, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, il-midja u l-pubbliku. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ssir enfasi fuq il-valur miżjud tal-Unjoni fuq il-finanzjament u għandhom jassistu fl-isforzi tal-Kummissjoni fil-ġbir tad-data sabiex tissaħħaħ it-trasparenza baġitarja.***

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm preżenza online u taġġornaha regolament, li tkun aċċessibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, biex ttipprovdi informazzjoni aġġornata dwar ***l-FEG***, gwida dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, kif ukoll informazzjoni dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda u dwar ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-proċedura baġitarja.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm preżenza online u taġġornaha regolament, li tkun aċċessibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, biex ttipprovdi informazzjoni aġġornata dwar ***il-FET***, gwida dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ***u dwar l-azzjonijiet eliġibbli, lista ta' kuntatti fl-Istati Membri aġġornata regolament*** kif ukoll informazzjoni dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda u dwar ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-proċedura baġitarja.

Emenda 76

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha timplimenta attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar il-każijiet ***tal-FEG*** u r-riżultati tagħhom abbażi ta' esperjenzi bl-iskop li ttejjeb l-effikaċja ***tal-FEG*** u tiżgura li ċ-ċittadini u l-ħaddiema tal-Unjoni jkunu jafu ***bil-FEG***.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha ***tippromwovi t-tixrid tal-aħjar Prattiki eżistenti fil-qasam tal-komunikazzjoni***, timplimenta attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar il-każijiet ***tal-FET*** u r-riżultati tagħhom abbażi ta' esperjenzi, bl-iskop li ttejjeb ***il-viżibbiltà tal-FET, tippubbliċizza l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-proċeduri ta' applikazzjoni tiegħu, ittejjeb l-effikaċja tiegħu*** u tiżgura li ċ-ċittadini u l-ħaddiema tal-Unjoni jkunu jafu ***bil-FET, inklużi ċ-ċittadini u l-ħaddiema f'żoni rurali li jkollhom diffikultajiet fl-aċċess għall-informazzjoni***.

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9 u b'mod partikolari wara li tikkunsidra n-numru ta' beneficijarji speċifikati, il-miżuri proposti u l-istima tal-ispejjeż, tevalwa u tippromponi ***mill-aktar fis possibbli*** l-ammont ***ta' kontribuzzjoni*** finanzjarja ***mill-FEG, jekk teżisti, li jista' jsir*** fil-limiti tar-riżorsi disponibbli.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9 u b'mod partikolari wara li tikkunsidra n-numru ta' beneficijarji speċifikati, il-miżuri proposti u l-istima tal-ispejjeż, tevalwa u tippromponi, ***sal-iskadenza tal-perjodu stabbilit fl-Artikolu 9(4), l-ammont tal-kontribuzzjoni*** finanzjarja ***mill-FET li eventwalment tista' tingħata***, fil-limiti tar-riżorsi disponibbli.

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fejn, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati, hija għandha tagħti bidu minnufih għall-proċedura spjegata fl-Artikolu 16.

Emenda

3. Fejn, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati, hija għandha tagħti bidu minnufih għall-proċedura spjegata fl-Artikolu 16 ***u għandha tinnotifika lill-Istat Membru applikant.***

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fejn, abbażi tal-valutazzjoni li tkun saret skont l-Artikolu 9, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja ma jkunux ġew issodisfati taħt dan ir-Regolament, hija għandha immedjatament tinnotifika lill-Istat Membru applikant.

Emenda

4. Fejn, abbażi tal-valutazzjoni li tkun saret skont l-Artikolu 9, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja ma jkunux ġew issodisfati taħt dan ir-Regolament, hija għandha immedjatament tinnotifika lill-Istat Membru applikant ***u lill-partijiet ikkonċernati l-oħra, fosthom il-Parlament Ewropew.***

Emenda 80

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istat Membru għandu jwettaq il-miżuri eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 8 mill-aktar fis possibbli, ***u*** mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja.

Emenda

2. L-Istat Membru għandu jwettaq il-miżuri eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 8 mill-aktar fis possibbli. ***Ikun xi jkun il-każ, dawn għandhom jiġu implimentati sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja u mwettqa*** mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja.

Emenda 81

**Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fejn il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja ***mill-FEG*** ikunu ġew issodisfati, din għandha

Emenda

1. Fejn il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja ***mill-FET*** ikunu ġew issodisfati, din għandha

tissottometti **talba** għal trasferiment lejn il-linji baġitarji rilevanti skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju.

tissottometti **proposta biex timmobilizzaha. Id-deċiżjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FET għandha tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-proposta. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata u l-Parlament Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu u tlieta minn kull ħames voti mitfugħa.**

Fl-istess waqt li tippreżenta l-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FET, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment lejn il-linji baġitarji rilevanti. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, għandha tinbeda proċedura ta' trilogu.

It-trasferimenti relatati mal-FET għandhom isiru skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda 82

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. It-talba ta' trasferiment jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn sommarju tal-eżaminazzjoni tal-eliġibbiltà tal-applikazzjoni.

Emenda

imħassar

Emenda 83

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha ***l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Din id-deċiżjoni għandha tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament fit-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.***

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha ***l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FET.***

Emenda 84

**Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FET skont il-paragrafu 1 għandha tinkludi dan li ġej:

(a) valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9(4), flimkien ma' sommarju tal-informazzjoni li fuqha tkun ibbażata dik il-valutazzjoni;

(b) evidenza li l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 5 u 10 jkunu ġew issodisfati; u

(c) ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-ammonti proposti.

Emenda 85

**Proposta għal regolament
Artikolu 16a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 16a

Każijiet eċċezzjonali

F'każijiet eċċezzjonali u jekk ir-riżorsi finanzjarji li jkunu għadhom disponibbli fil-Fond fis-sena tal-okkorrenza tal-avveniment ta' ristrutturar kbir ma jkunux biżżejjed sabiex ikopru l-ammont ta' assistenza meqjus neċessarju mill-awtorità baġitarja, il-Kummissjoni tista' tipproponi li d-differenza tiġi ffinanzjata mill-Fond tas-sena ta' wara. Il-limitu massimu annwali baġitarju tal-Fond fis-sena tal-okkorrenza tal-avveniment ta' ristrutturar kbir u fis-sena ta' wara għandu jiġi rispettatt f'kull ċirkostanza.

Emenda 86

**Proposta għal regolament
Artikolu 19a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 19a

Mudell għall-istħarriġ tal-benefiċjarju

L-istħarriġ tal-benefiċjarju msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 20(1) għandu jkun ibbażat fuq il-mudell stabbilit mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta dak l-att ta' implimentazzjoni skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 26(2) biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Emenda 87

**Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) it-tip ta' miżuri u r-riżultati **prinċipali**, li jispjegaw l-isfidi, it-tagħlimiet meħuda, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet ma' fondi oħra tal-UE u li tindika, fejn ikun possibbli, il-komplementarjetà tal-miżuri ma' dawk iffinanzjati minn programmi oħra nazzjonali jew tal-Unjoni f'konformità mal-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar;

(a) it-tip ta' miżuri u r-riżultati **miksuba**, li jispjegaw l-isfidi, it-tagħlimiet meħuda, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet ma' fondi oħra tal-UE, **partikolarment il-FSE+**, u li tindika, fejn ikun possibbli, il-komplementarjetà tal-miżuri ma' dawk iffinanzjati minn programmi oħra nazzjonali jew tal-Unjoni f'konformità mal-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar;

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) ir-riżultati ta' s'tħarriġ tal-benefiċjarju mwettaq sitt xhur **wara t-tmiem** tal-perjodu ta' implimentazzjoni, li għandu jkopri l-bidla perċepita fl-impjegabbiltà tal-benefiċjarji, jew għal dawk li diġà sabu impjieg, aktar informazzjoni dwar **il-kwalità** tal-impjieg li jkun instab, bħall-bidla fis-siġhat tax-xogħol, il-livell ta' responsabbiltà jew il-bidla fil-livell tas-salarju meta mqabbel mal-impjieg preċedenti, u s-settur li fih il-persuna tkun sabet impjieg u t-tqassim ta' din l-informazzjoni skont is-sess, il-grupp ta' età u l-livell tal-edukazzjoni;

(d) ir-riżultati ta' s'tħarriġ tal-benefiċjarju mwettaq **sa** sitt xhur **mit-tmiem** tal-perjodu ta' implimentazzjoni, li għandu jkopri l-bidla perċepita fl-impjegabbiltà tal-benefiċjarji, jew għal dawk li diġà sabu impjieg, aktar informazzjoni dwar **it-tip u l-kwalità** tal-impjieg li jkun instab, bħall-bidla fis-siġhat tax-xogħol, il-livell ta' responsabbiltà jew il-bidla fil-livell tas-salarju meta mqabbel mal-impjieg preċedenti, u s-settur li fih il-persuna tkun sabet impjieg u t-tqassim ta' din l-informazzjoni skont is-sess, il-grupp ta' età u l-livell tal-edukazzjoni;

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) jekk l-impriża li tat is-sensji, bl-eċċezzjoni ***tal-mikrointrapriżi*** u l-SMEs, ***kienet*** benefiċjarja ta' għajnuna mill-Istat jew ta' finanzjament preċedenti mill-fondi ta' koeżjoni jew strutturali tal-Unjoni fil-ħames snin ta' qabel;

Emenda

(e) jekk l-impriża li tat is-sensji, bl-eċċezzjoni ***tal-istart-ups, il-mikrointrapriżi*** u l-SMEs, ***kinitx*** benefiċjarja ta' għajnuna mill-Istat jew ta' finanzjament preċedenti mill-fondi ta' koeżjoni jew strutturali tal-Unjoni fil-ħames snin ta' qabel;

Emenda 90

**Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Sa mhux aktar tard mit-tmien tad-dsatax-il xahar wara li jiskadi l-perjodu speċifikat fl-Artikolu 15(3), l-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti s-sett tad-data sempliċi li jinforma l-indikatur tar-riżultati fuq żmien itwal speċifikat fil-punt (3) tal-Anness:

Emenda

2. Sa mhux aktar tard mit-tmien tad-dsatax-il xahar wara li jiskadi l-perjodu speċifikat fl-Artikolu 15(3), l-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti s-sett tad-data sempliċi, ***komplut u verifikat kif xieraq***, li jinforma l-indikatur tar-riżultati fuq żmien itwal speċifikat fil-punt (3) tal-Anness.

Emenda 91

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sal-1 ta' Awwissu 2021 u kull sentejn minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport komprensiv, kwantitattiv u kwalitattiv dwar l-attivitajiet taħt dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 li saru fis-sentejn ***ta' qabel***. Ir-rapport għandu jiffoka prinċipalment fuq ir-riżultati miksuba mill-***FEG*** u b'mod partikolari għandu jkun fih informazzjoni li għandha x'taqsam mal-applikazzjonijiet sottomessi, ***mad-deċiżjonijiet*** adottati, ***mal-miżuri*** ffinanzjati, inkluża l-istatistika dwar l-

Emenda

1. Sal-1 ta' Awwissu 2021 u kull sentejn minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport komprensiv, kwantitattiv u kwalitattiv dwar l-attivitajiet taħt dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 li saru fis-sentejn ***ta' qabel***. Ir-rapport għandu jiffoka prinċipalment fuq ir-riżultati miksuba mill-***FET*** u b'mod partikolari għandu jkun fih informazzjoni li għandha x'taqsam mal-applikazzjonijiet sottomessi, ***ir-rapidità tal-ipproċessar tagħhom u n-nuqqasijiet li jista' jkun hemm fir-regoli***

indikaturi stabbiliti fl-Anness, u l-komplementarjetà ta' tali miżuri ma' miżuri ffinanzjati minn fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-FSE+, u informazzjoni relatata mal-għeluq tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jkunu saru u għandu jiddokumenta wkoll dawk ***l-applikazzjonijiet*** li jkunu ġew irrifjutati jew imnaqqsa minħabba nuqqas ta' approprjazzjonijiet suffiċjenti jew in-nuqqas ta' eliġibbiltà.

fis-seħħ, id-deċiżjonijiet adottati, ***il-miżuri*** ffinanzjati, inkluża l-istatistika dwar l-indikaturi stabbiliti fl-Anness, u l-komplementarjetà ta' tali miżuri ma' miżuri ffinanzjati minn fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-FSE+, u informazzjoni relatata mal-għeluq tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jkunu saru u għandu jiddokumenta wkoll dawk ***l-applikazzjonijiet*** li jkunu ġew irrifjutati jew imnaqqsa minħabba nuqqas ta' approprjazzjonijiet suffiċjenti jew in-nuqqas ta' eliġibbiltà.

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Ir-rapport għandu jiġi trasmess għall-informazzjoni lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni u lis-sħab soċjali.

Emenda

2. Ir-rapport għandu jiġi trasmess għall-informazzjoni ***lill-Istati Membri***, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni u lis-sħab soċjali.

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull erba' snin, fuq inizjattiva tagħha stess u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ***tal-FEG***.

Emenda

1. Kull erba' snin, fuq inizjattiva tagħha stess u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ***tal-FET, inkluża valutazzjoni tal-impatt sussegwenti tal-applikazzjoni tiegħu fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali***.

Għall-fini tal-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiġbru d-data kollha disponibbli dwar il-każijiet tal-FET u l-ħaddiema megħjuna.

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu statistika rilevanti dwar il-kontribuzzjonijiet *finanzjari*, imqassma skont l-Istat Membru.

Emenda

3. L-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu statistika rilevanti dwar il-kontribuzzjonijiet *finanzjarji*, imqassma skont *is-settur u* l-Istat Membru.

Emenda 95

Proposta għal regolament Anness I – punt 1 – paragrafu 1 – inċiż 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- *persuni b'esperjenza professjonali ta' inqas minn sentejn,*
- *persuni b'esperjenza professjonali ta' bejn sentejn u 10 snin,*
- *persuni b'esperjenza professjonali ta' aktar minn 10 snin.*